MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 214/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mauro Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mauro Zammit talli nhar-it 3 ta' Novembru 2009 ghall-habta ta' 20.10 hrs gewwa Santa Maria limiti tal-Maghtab, Naxxar u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha tal-privat li jarresta l-hati, arresta jew zamm jew issekwestra lil tarbija ta' ghaxar xhur kontra l-volonta` taghha jew tal-genituri taghha, ipprovda l-post fejn l-istess tarbija nzammet arrestata u mizmuma jew issekwestrata;

2. ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta ta' l-identita` 255390M;

3. ghamel ingurji u theddid lil Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta tal-identita` 255390M, liema theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. flimkien ma' theddid lil Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta tal-identita` 255390M ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, ghamel ordni jew kundizzjoni;

5. bl-imgieba tieghu kkaguna lil persuna domestika, Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta tal-identita` 255390M, biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza';

6. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi fil-kaz ta' sejbien ta' htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbi, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta' protezzjoni a terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Mauro Zammit hati ta' l-imputazzjonijiet u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tghaddi

biex issib lill-imsemmi Mauro Zammit hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tinfliggi dik il-piena ndikata skond il-ligi ghall-htija tieghu kif ukoll tapplika ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kodici Kriminali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ma setghetx tillibera lill-appellat stante li dawn kienu proceduri *ex officio* minhabba li saru f'post pubbliku. Ghalhekk minkejja kwalunkwe rinunzja tal-parti leza, l-ewwel Qorti ma setghetx tqis l-azzjoni mhix aktar prosegwibbli. Inoltre, jghid l-appellant, ir-reati l-ohra gew ammessi mill-appellat, l-offiza ta' natura hafifa giet ippruvata, u l-appellat ma kkontestax ir-recidiva.

Mis-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti kkonkludiet li mill-provi in atti l-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet ma jirrizultawx, li kemm it-tieni (stante li si tratta ta' offiza ta' natura hafifa) kif ukoll it-tielet imputazzjonijiet mhumiex aktar prosegwibbli stante rinunzja tal-kwerelanti, li dwar ir-raba' imputazzjoni m'hemmx provi, u li dwar il-hames imputazzjoni mhux il-kaz li jigi applikat u jittiehed ebda provvediment taht l-artikolu 412C tal-Kap. 9 fid-dawl kemm tar-rinunzja kif ukoll dak li xehdet il-kwerelanti.

Minn dan huwa evidenti illi l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat minn tliet imputazzjonijiet (l-ewwel, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet) ghax sabet li ma kienx hemm provi, filwaqt li kien fir-rigward ta' zewg imputazzjonijiet (it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet) li qalet li l-azzjoni ma kinitx aktar prosegwibbli. Dwar il-hames imputazzjoni ma kinitx cara l-ewwel Qorti fuq liema bazi ma kinitx qed issib htija, ghalkemm jidher li dan kien minhabba rinunzja tal-parti leza.

L-ewwelnett irid jinghad illi dan huwa kaz fejn l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u dan skond l-artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-artikolu 373 tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli. Konsegwentement japplika dak li jipprovdi l-artikolu 545(1) tal-Kap. 9: **"Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghall-kwerela li huwa jkun ga` ghamel."** F'dar-rigward issir referenza ghall-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pietru Cutajar** deciz fit-12 ta' Settembru 1996.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Minnhom jirrizulta: (1) li fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2009 l-ewwel imputazzjoni giet irtirata mill-prosekuzzjoni u fi kwalunkwe kaz mill-provi lanqas ma tirrizulta; (2) li l-offizi li garrbet Sabrina Grech kienu ta' natura hafifa u ghalhekk l-azzjoni fir-rigward taghhom hi rinunzjabbli; (3) li fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2009 Sabrina Grech irrinunzjat ghal kull haga rinunzjabbli u rega' sar verbal f'das-sens fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2010; b'hekk fil-kaz tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet il-procediment gie ezawrit; (4) li mix-xiehda ta' Sabrina Grech la r-raba' u lanqas il-hames imputazzjonijiet ma jirrizultaw; (5) li dwar is-sitt imputazzjoni, Steve Frendo ra argument f'Pembroke izda l-appellat gie akkuzat li r-reati gew kommessi f'Santa Marija, limiti tal-Maghtab u mill-istqarrija ta' l-appellat jidher li hu u Sabrina Grech argumentaw gewwa l-vettura tieghu; b'hekk ma jirrizulta ebda *breach of the peace*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------